**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 27**

**Data: 26 ta' Marzu 2026**

**Hin: 9.00am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

27.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

27.5 Korrispondenza u Rapporti;

27.6 Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv;

27.7 Skemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali L-Ewwel Parti;

27.8 Skemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali it-Tieni Parti;

27.9 *Street Sweeper*;

27.10 Progetti relatati mall-ARB Complex u Supervizjoni taghhom;

27.11 Progetti u Xogholijiet;

27.12 Skeda ta' Pagamenti;

27.13 Materji ohra;

27.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

26.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**27.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

27.1.1 Ma kienxx hemm ittri ta' apologiji

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.1 Is-Sindku spjega li fl-laqghat precedenti, l-Kunsill kien iddiskuta dwar l-carers tac-childcare li fil-prezent qeghdin joffru servizz lill-Kunsill fuq bazi ta' self employment. Huwa spjega li wara li l-Kunsill ipprova jwaqqaf NGO dan irrizulta li mhux possibli u lanqas kien possibli l-kaz ta' kumpanija. Peress li bhala Kunsill Lokali jista' jahdem fuq direttament ma' ghaqda tal-banda, huwa kien qed jissugerixxi sabiex il-carers jigu impjegati direttament mal-banda u din min-naha taghhom huma jipprovdu servizz ta' carers lill-Kunsill. Is-Sindku qal li dan huwa possibli pero' irid ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill. Joseph Mizzi staqsa jekk huwiex possibli li tkun anke ghaqda ohra bhal per ezempju l-futbol pero' s-Sindku spjega li l-aktar ghaqda strutturata hija l-ghaqda muzikali. Is-Sindku ddiskjara ukoll li ghandu interess personali peress li huwa l-President ta' l-Ghaqda u ghaldaqstant talab lill-Vici Sindku sabiex ikompli jmexxi l-laqgha u hareg mill-kamra. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-materja u qabel mas-suggeriment tas-Sindku li l-carers ghandhom jigu rregistrati bhala impjegati mall-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u l-Kunsill jiehu servizz taghhom minghand l-ghaqda.

Is-Sindku gie imsejjah lura fil-kamra u kompla jmexxi l-laqgha.

27.3.2 Is-Sindku spjega li l-Kunsill ircieva komunikat min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward tal-kuntratt tal-Animal Steward fejn dan issa ser jigi fuq

bazi definittiv u mhux ser jibqa' jiggeded iktar fuq perijodu ta' tmintax-il xahar. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt ghandu jigi ffirmat.

27.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu gew approvati progetti tal-Kunsill fosthom:

- Progett tar-restawr tal-faccata tal-knisja liema fondi gew approvati minn LESA.
- Progett tal-Bring-in-Sites liema fondi gew approvati min-naha tal-Gozo Action Group.
- Progett tal-ARB Complex ghal health centre u climbing wall liema fondi gw approvati min-naha tal-Gozo Action Group.

27.3.4 Joseph Mizzi staqsa dwar iz-zuntier tal-Knisja jekk dan jista' jitranga. Is-Sindku qal li hemm kwistjoni fejn il-Knisja kienet applikata ghat-tibdil tal-pavimentar u tal-balovastri mall-Awtorita' tal-Ippjanar pero' din kienet wehlet min-naha tal-Kummissjoni tal-Heritage tal-Knisja peress dawn ma riedux li jaghmlu restawr komplet u riedu biss li jimbidel parti mill-pavimentar fejn huwa imkisser biss. Is-Sindku zied jghid li minn esperjenza fil-passat din ma kienetx idejali u ma kienx sewwa x-xoghol u ghaldaqstant il-bzonn huwa li jinbidel kollu. Ghal dan il-ghan huma ghadhom jistennew l-approvazzjonijiet mehtiega. Waqt id-diskussjoni gie innotat ukoll li knejjes ohra kien diga ghamlu restawr komplut u ghaldaqstant m'ghandux ikun hemm problema min-naha taghna.

27.3.5 Is-Sindku qal li waslet talba minghand il-Membru Parlamentari Ewropej l-Onor. Daniel Attard fejn jixtieq li jikri s-sala tal-ARB Complex ghal get together. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li ghandha tithallas mizata ta' €1 ghal kull persuna li tattendi. Joseph Mizzi staqsa dwar it-tindif jekk hux ser isir min-naha taghhom jew min-naha tal-Kunsill. Tkompliet id-diskussjoni fejn dan sar qbil li jew isir min-naha tal-Kunsill pero' ikun hemm hlas extra jew inkellha jsir direttament min-naha taghhom.

27.3.6 Is-Sindku qal li kien hemm talba ohra minghand instructor tal-klieb sabiex juza s-sala tal-ARB Complex ghal *shows* tal-klieb. Fuq dan il-kaz is-Sindku qal li bhala tindif irid isir min-naha tal-instructor. Tonio Mifsud staqsa kemm il-darba ha tintuza ghal dan l-izkop fejn is-Sindku wiegeb li ghadu mhux infurmat u ghad irid isiru aktar diskussjonijiet. Il-Kunsill qabel li bhala tindif irid isir min-naha tal-instructor u li jigi diskuss il-possibilita' ta' shows tal-annimali fil-futur.

27.3.7 Is-Sindku ssugerixxa li bhal parti mill-attivitajiet tal-pixxina jibdew isiru korsijiet tal-Acqua Aerobics peress li diga kienet qeghda ssir domanda ghalihom. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li jkun hemm dan it-tip ta' sport ghall-anzjani bhala parti mill-attivitajiet marbuta mad-day centre. Il-Kunsill qabel li ghandu jikseb informazzjoni dwar instructors, jinhareg avviz u jekk ikun hemm interess isiru l-lezzjonijiet.

27.3.8 Is-Sindku spjega li bhala hin ta' ftuh tal-pixxina bhalissa qed ikun ftit limitat minhabba spejjez relatati mall-post. Huwa ta' informazzjoni ukoll dwar il-klassijiet li qed isiru.

## 27.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

27.4.1 Gew trattati s-segwenti mistqosijiet minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi:

Mistoqsija Nru 1: Avvicinawni residenti fi Triq Frangisk Portelli sabiex il-Kunsill jerga' jitlob f'parti minnha ssir zebra crossing fl-imsemmija triq, peress li hija traffikuza u fiha hemm tliet servizzi (pharmacy, stationery u supermarket).
Is-Sindku spjega li kien hemm kwistjoni mall-Gvern Centrali fejn hemm tarag li kien sar ex-propriation u dan kellu jitnehha pero' fl-istess waqt dan kien l-unika access ghal din l-ghalqa. Fuq din il-kwistjoni kienet saret ittra legali ukoll pero' peress li din hija triq arterja u f'idejn il-Gvern Centrali kien qed jiehu hsiebha l-Ministeru ghal Ghawdex. Is-Sindku qal ukoll li t-talba ghaz-zebra crossing kienet saret minn fejn is-souvenir shop pero' kienet giet rifjutata u l-unika post huwa fejn hemm it-tarag. Ghaldaqstant gie spjegat li l-Kunsill f'dan il-punt ma jista' jaghmel xejn aktar sakemm tigi solvuta din il-kwistjoni.

Mistqosija Nru 2: Gejt avvicinat minn bdiewa u kaccaturi li juzaw raba' fil-parti msejha Ta' Sancier li qed jitolbu lill-Kunsill Lokali jwahhal mera' ghal meta jkunu nezlin minn trejqa ghall-passagg bejn l-Gharb u San Lawrenz (skont ir-ritratti annessi).
Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li ghandu tehel mera f'dan il-post.

Mistoqsija Nru 3: L-Arcipriet tar-rahal, Fr. Trevor Sultana, f'isem il-Kunsill Parrokkjali, talabni nressaq talba lill-Kunsill Lokali ghall-ghajnuna li ghandu bzonn waqt il-jiem tas-Summer Club li torganizza l-Parrocca tal-Gharb. Huwa qed jitlob l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex ikollu helpers waqt il-hint as-summer club, bejn Lulju u Awwissu, fil-hin ta' fiolghodu, peress li ma kienx qed isib voluntiera li jassistuh u qed tkun difficlu ghalih li jlahhaq mat-tfal kollha wahdu, peress li dan jinvolvi responsabilita' u attenzjoni, partikolarament meta jsiru attivitajiet barra mimc-centru ejw barra mir-rahal. L-idea tal-Arcipriet hija ghajnuna ta' voluntiera jew incentive li jista' joffri l-Kunsill Lokali sabiex jinstabu voluntiera (bhall-ghallliema li jkunu bil-vaganzi tas-sajf).

Joseph Mizzi spjega li waqt il-laqgha tal-Kunsill Parrokkjali l-Arcipriet kien talb ghal ghajnuna ghas-summer club peress li huwa qed isib ruhu wahda ma' xi erbghin tifel/tifla. L-Arcipriet kien ssugerixxa l-possibilita' ta' zewg persuni min-naha tal-Kunsill ghal ghajnuna u xi tip ta' incentive finanzjarju peress li huwa kien diga staqsa xi ghalliema ghal xoghol voluntarju pero' ma kienux accettaw. Tonio Mifsud issugerixxa biex nistaqsu ghal xi studenti universarji pero' gie spjegat li ghal dan il-ghan ikun hemm skema min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u sabiex jintbghatu zewg persuni mill-Kunsill stess huwa impossibli peress li l-istaff huwa biezel hafna u apparti minnhekk it-tfal huma responsabilita' kbira. Il-Kunsill qabel li ghandu jevalwa jekk hemmx possibilita' ta' xi tip ta' ghajnuna.

Mistqosija Nru 4: Nixtieq nissugerixxi wkoll li jitwahhlu stickers li jkunu reflectors man-naha t'isfel tal-bankina jew max-xifer fejn gew installati l-electric charging

points sabiex min ikun isuq u fejn it-triq hija two-way, ikunu vizibbli ghas-sewwieqa, partikolarament bil-lejl. L-istess suggeriment jista' japplika wkoll ghall-barriers tal-hadid li jintuzaw meta tinghalaq xi triq fil-hin ta' filghaxija jew matul il-lejl u tajjeb li titwahhal sticker li tirrifletti ghad-dawl sabiex tkun vizibbli mid-distanza u s-sewwieqa jarawha mill-boghod.
Is-Sindku qal li fir-rigward tac-charging pillars dawn ser ikunu qed jiehdu hsiebhom tal-infrastructure Malta. Min-naha l-ohra fir-rigward tal-barriers, il-Kunsill ser ikun jista' jaghmel xi haga. Min-naha tieghu jew zebgha jew stickers.

Mistqosija Nru 5: Fid-dawl tal-maltemp li hakem lill-pajjiz f'din ix-xitwa, tahseb li ghandu jsir studju dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tieqa ta' Wied il-Mielah kemm minn fuq u anke that il-bahar, sabiex jigi determinat hemmx cirkostanzi ta' periklujew xi rakkomandazzjonijiet ta' espterti geologici?
Is-Sindku spjega li dan il-moniteragg diga qed isir min-naha tal-ERA u min-naha tieghu l-Kunsill jista' jibghat tfakkira lilhom.

**27.5 Korrispondenza u Rapporti**

27.5.1 Giet trattata applikazzzjoni mir-Regjun t'Ghawdex fir-rigward ta' Finanzjament ta' Skema Gastronomija - Ghawdex 2026 fejn hemm fondi ta' €5000 ghal kull proposta. Ghal din l-applikazzjoni, s-Sindku ssugerixxa li ssir pubblikazzjoni ta' ricetti ta' Elizabeth Frendo li soltu jigu ppublikati fuq Lehen il-Punent flimkien ma' referenzi tal-hxejjex ta' Frenc ta' l-Gharb u simili. Huwa ssugerixxa ukoll li dan jigi mniedi waqt il-Herbs Festival. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jissottometti din il-proposta u jekk tigi accettata ghandu jibda l-process immedjatament sabiex inkunu fil-hin ghall-inawgurazzjoni.

27.5.2 Gie trattat rapport ta' evalwazzjoni ghall-offerta' 'Printing Services and stationery supplies for the Gharb Local Council in an environmentally Friendly Manner. – Gie spjegat li ghal din l-offerta' kien hemm erba' li tefghu l-offerta' fejn l-inqas offerta kienet ta' Franklyn Cauchi. Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta' u qabel mar-rakkomandazzjoni tal-board li din l-offerta' fejn din l-offerta' tintghata lil Franklyn Cauchi.

- Il-laqgha giet sospiza ghal ftit mall-wasal ta' student barranin li kienu qed izuru lill-Kunsill u regghet tkompliet wara ftit minuti.

27.5.3 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet mill-Awtorita' tal-Ippjanar:

PA/00566/26, PA/07539/25 u PA/01727/26.
Fir-rigward ta' applikazzjoni numru PA/07539/25 li tirrigwardja l-bring-in-sites din kienet applikazzjoni normali fil-bidu u issa qeghda ssir b'mod accelerat minhabba fondi tal-unjoni ewropeja.

27.5.4 Giet trattata korrispondenza mic-Centru Bar & Restaurant fejn talbu li juzaw is-sala tal-ARB Complex ghal ikliet. Il-Kunsill qabel kif gie diskuss aktar kmieni fil-laqgha l-istess mod tigi uzata. Gie spjegat ukoll li dawn kienu talbu sabiex ihejju kcina fuq il-post ghas-spejjez taghhom stess. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom

jithallew jaghmlu uzu u l-hlas ikun ghal kull ras li jservu €1.50 kif ukoll ihallsu ghall-elettriku u konsum tal-ilma. Il-Kunsill innota li dak kollu li jsir ghandu issir ghall-ispejjez taghhom u jkun konformi mal-ligijiet tas-sanita' u regolarmenti u ligijiet mehtiega.

27.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand Anglican Society fir-rigward fir-rigward tal-memorja tar-Regina Elizabetta II maghmula minn residenti inglizi fejn dawn kellhom xi flus ghal sigar li kien qed jipproponu li jehlu gewwa l-Gharb. Huma kienu ser jaghtu donazzjoni ta' pjanti u l-Kunsill jakkwista' l-posts. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li jakkwista' l-posts u bhala post idejali jkun fejn l-Astronomy Park. Bhala gurnata proposta ghac-cerimonja hija fis-27 ta' Mejju fil-11am u ghal din ic-cerimonja ser ikun hemm prezenti ukoll il-Kummissarju Ingliz. Il-Kunsill qabel ukoll mad-data tac-cerimonja.

**27.6 Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv**

27.6.1 Giet trattata korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. Gie spjegat li precedetanment kien hemm l-Ufficjali Christina Camenzuli li kienet tkopri dan ir-rwol. Is-Sindku ddiskjara li kellu interess personali u ghaldaqstant talab lil Vici Sindku jkompli jmexxi l-laqgha u hareg mill-kamra. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li dan ir-rwol ghandu jkompli jigi kopert minn Christina Camenzuli. Is-Sindku rega gie imsejjah lura fil-kamra u kompla jmexxi l-laqgha.

**27.7 Skemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali L-Ewwel Parti**

27.7.1 Gew trattati l-ewwel set ta' skemi mahruga mid-Dipartiment l-Ewwel Parti li kienu jinkludu dawn segwenti:

SPI.SCI.01.2026 – Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 – Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u qabel li ghandu jissottometti applikazzjoni ghal Herbs Festival li jsir f'Novembru 2026.

SPI.SCI.02.2026 – Finanzjament Lokalitajiet aktar nodfa 2026 – Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u qabel li ghandu jisottometti applikazzjoni sabiex jinxtraw ghodda marbuta mat-tindif li jigu uzati mill-haddiema tal-Kunsill.

SPI.SCI.03.2026 – Finanzjament Attivitajiet Milied 2026 – Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal program ta' attivitajiet ghal zmien il-Milied.

**27.8 Skemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali it-Tieni Parti**

27.8.1 Gew trattati t-tieni set ta' skemi mahruga mid-Dipartiment It-Tieni Parti li kienu jinkludu dawn segwenti:

SPI.SCI.04.2026 – Finanzjament Mnautenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill-Gvern Centrali. – Il-Kunsill iddiskuta

din l-applikazzjoni u qabel li ghandu japplika bil-progett ta' manutenzjoni ta' l-arkata ta' Triq ta' Sdieri.

SPI.SCI.05.2026 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'sahhithom u ta' kwalita' – Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu japplika ghal restawr ta' sqaqien fil-lokalita'. Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Perit sabiex jipprepara stima taghhom u jara l-possibilita' li jsiru bil-porfido pero' dan jiddependi mill-ispejjez involuti u jigi diskuss li anke l-haddiema tal-Kunsill jaghmlu parti mix-xoghol.

SPI.SCI.06.2026 – Finanzjament Karnival 2027 – Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu.

**27.9 *Street Sweeper***

27.9.1 Is-Sindku spjega li l-Ministeru ghal Ghawdex kien qed joffri zewg *sweepers* ghal Ghawdex fejn wiehed minnhom ser ikun qed ikopri sitt kunsilli u r-rahal tal-Gharb huwa wiehed minn dawn. Dan ser ikunu qieghed jaghmel erba sieghat gewwa l-lokalita'. Is-Sindku ssugerixxa sabiex meta jkun hawn is-servizz jew it-triq li tkun ser tinkines issir no parking jew inkella' t-traffiku jsir fuq naha wahda tat-triq f'centru zoni bhal ma' hija d-dawra tal-purcissjoni. Fejn jidhlu pjazzez iridu jintuaw *blowers* peress li hawnhekk ma tkunx tista' ccaqlaq. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li jekk din tirnexxi aktar 'il quddiem il-Kunsill jakkwista' *street sweeper* tieghu. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel mas-suggerimenti tas-Sindku u ghandu jqassam avviz u skeda lir-residenti tal-lokalita'.

**27.10 Progetti relatati mall-ARB Complex u Supervizjoni taghhom**

27.10.1 Is-Sindku qal li l-ARB Complex ghandu bzonn ta' persuna li tiehu hsieb is-supervizjoni tieghu peress li issa qed jizdied ix-xoghol fih. Huwa ssugerixxa sabiex Caroline Dimech li hija diga involuta sew fix-xoghol relatat ma' dan il-post jizdied il-hin taghha sabiex ikollha aktar hin biex taghmel ix-xogholijiet mehtiega ma' dan il-post. Il-Kunsill qabel li din ghandha tkun fuq bazi full-time.

**27.11 Progetti u Xogholijiet**

27.11.1 Bhala xogholijiet fil-prezent kien hemm dawk fi Triq Tumas Cassar li ghandhom jitkomplew pero' bhalissa l-kuntrattur huma impenjat b'xogholijiet mall-Ministeru ghal Ghawdex u ghaldaqstant xogholijiet ohra gew sospizi. Is-Sindku spjega ukoll li kull kunsill kien inghata ammont ta' metri li ser isiru mill-Ministeru ghal Ghawdex u dawn ser ikunu qed ikopru Triq Patri Caruana. Din ser tkun parti mill-100 triq li ser issir mill-Ministeru ghal Ghawdex.

27.11.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Gharb Rangers kienu inghataw fondi sabiex isir fence gdid tal-grawnd kif ukoll ghat-trangar tat-trakka u l-madwar.

**27.12 Skeda ta' Pagamenti**

27.12.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata.

**27.13 Materji ohra**

27.13.1 Lisa Marie Brooke staqsiet kif kien baqa' l-Kunsill fuq id-*drone*. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien inghata fondi mill-Gozo Action Group u kien qed jistenna permess mehieg min-naha tal-avjazzjoni.

27.13.2 Joseph Mizzi staqsa jekk is-safra huwiex kollox ikkonfermat fejn is-Sindku ikkonferma li kollox sew.

27.13.3 Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid jahseb ghat-tindif tal-festa. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Public Cleansing.

**27.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

27.41 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 23 ta' April fid-9.00am.

27.14.2 Il-laqgha spiccat fil-10.10am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv